IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.5.2021
COM(2021) 255 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Il-Ħames Rapport Annwali dwar il-Faċilità għar-Rifuġjati fit-Turkija

WERREJ

1. Introduzzjoni 1
1.1. It-Turkija u l-kriżi tar-refuġjati 1
1.2. Ir-rispons tal-UE għall-kriżi u l-istabbiliment tal-Faċilità 2
2. Il-funzjonament tal-Faċilità 5
3. Il-kapaċità finanzjarja, it-tul ta' żmien u n-natura tal-finanzjament 7
4. Implimentazzjoni tal-Faċilità 9
5. Monitoraġġ u evalwazzjoni 16
6. L-Awditu 18
7. Il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà 18
8. Il-konklużjoni u l-passi li jmiss 20

1. Introduzzjoni

F'konformità mal-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2015[1] dwar il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri permezz ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni ("id-Deċiżjoni"), il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati regolarment dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija (minn hawn 'il quddiem "il-Faċilità"). L-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-ewwel Rapport Annwali dwar il-Faċilità ġie ppubblikat f'Marzu 2017[2]. Dan iddeskriva l-funzjonament tal-Faċilità, l-ewwel azzjonijiet li ttieħdu fid-dawl tal-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u s-sistema ta' evalwazzjoni tagħha, kif ukoll l-attivitajiet ta' komunikazzjoni relatati. It-tieni, it-tielet u r-raba' rapport ġew ippubblikati f'Marzu 2018[3], f'April 2019[4], u f'April 2020[5] rispettivament. Id-data tal-għeluq għal dan ir-rapport hija fl-aħħar ta' Frar 2021.

1.1. It-Turkija u l-kriżi tar-refuġjati

Minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħha, it-Turkija hija pajjiż prominenti għall-akkoljenza u għat-tranżitu ta' refuġjati u ta' migranti. B'riżultat ta' għadd bla preċedent ta' persuni li waslu fit-Turkija, l-aktar minħabba l-kunflitti fis-Sirja, fl-Iraq u fl-Afganistan, il-pajjiż qed jospita madwar erba' miljun refuġjat, l-akbar għadd fid-dinja. Dan jinkludi 3,6 miljun refuġjat Sirjan irreġistrati[6], u 330 000 refuġjat u applikant għall-ażil irreġistrati primarjament mill-Afganistan, mill-Iraq, mill-Iran u mis-Somalja[7] [8]. Dan l-għadd kbir ħafna ta' nies kellu impatt sinifikanti fuq il-komunitajiet ospitanti. L-ispostament fit-tul tar-refuġjati Sirjani fit-Turkija qed jippreżenta sfidi dejjem akbar fejn tidħol il-koeżjoni soċjali bejn ir-refuġjati, il-migranti u l-komunitajiet ospitanti, speċjalment f'kuntest ikkaratterizzat minn reċessjoni ekonomika u mill-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-suq tax-xogħol.

It-Turkija qed tkompli tagħmel sforzi sinifikanti sabiex tospita u tindirizza l-ħtiġijiet ta' kważi erba' miljun refuġjat u migrant. It-Turkija tenniet l-impenn tagħha għall-

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9500 tal-24 ta' Novembru 2015 dwar il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri permezz ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni – il-Faċilità għar-Refuġjati għat-Turkija, kif ġiet emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016)855 tal-10 ta' Frar 2016.
[2] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/170302_facility_for_refugees_in_turkey_first_annual_report.pdf
[3] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/14032018_facility_for_refugees_in_turkey_second_annual_report.pdf
[4] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/com_2019_174_f1_communication_from_commission_to_inst_en_v5_p1_1016762.pdf
[5] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/fourth_annual_report_on_the_facility_for_refugees_in_turkey.pdf
[6] https://en.goc.gov.tr/temporary-protection27
[7] https://www.unhcr.org/tr/en/unhcr-turkey-stats
[8] Partikolarità tas-sistema tal-ażil tat-Turkija hija marbuta mal-fatt li l-pajjiż iffirma l-Protokoll ta' New York tal-1967 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 b'riżerva. Għaldaqstant, il-maġġoranza l-kbira tar-refuġjati fit-Turkija ma jistgħux japplikaw għal status sħiħ ta' refuġjat iżda biss għal status ta' "Refuġjat Kondizzjonali", li jekk jingħata, jillimita l-permanenza fil-pajjiż sal-mument li refuġjat rikonoxxut jiġi "risistemat f'pajjiż terz".

implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija ta' Marzu 2016[9] u kellha rwol importanti fl-iżgurar ta' ġestjoni effettiva tal-flussi migratorji tul ir-rotta tal-Lvant tal-Mediterran. Minkejja perjodu qasir ta' żmien fi Frar/Marzu 2020 li matulu t-Turkija ħeġġet b'mod attiv lill-migranti biex jimxu lejn il-fruntiera tal-art Griega, id-Dikjarazzjoni kompliet tagħti riżultati konkreti fl-2020 fit-tnaqqis tal-qsim irregolari u perikoluż u fis-salvataġġ tal-ħajjiet fil-Baħar Eġew.

Fil-Komunikazzjoni Konġunta tagħhom dwar is-sitwazzjoni attwali tar-relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u kummerċjali bejn l-UE u t-Turkija[10], il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli ssuġġerew implimentazzjoni aktar effettiva u ta' benefiċċju reċiproku ta' oqsma ewlenin tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija tal-2016, b'mod partikolari dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni, billi jerġa' jinbeda mingħajr aktar dewmien il-proċess ta' ritorn mill-gżejjer Griegi, u billi l-1450 persuna rimpatrijata li l-appelli legali tagħhom huma eżawriti jkunu minn tal-ewwel li jiġu ritornati u min-naħa l-oħra billi jiżdiedu r-risistemazzjonijiet mit-Turkija lejn l-Unjoni Ewropea.

Il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2020[11] ikkonferma li l-UE tkun lesta tkompli tipprovdi assistenza finanzjarja lir-refuġjati Sirjani u lill-komunitajiet ospitanti fit-Turkija, u l-Membri tal-Kunsill Ewropew, fid-dikjarazzjoni tagħhom ta' Marzu 2021[12] stiednu lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta proposta għat-tkomplija tal-finanzjament għar-refuġjati Sirjani fit-Turkija, kif ukoll fil-Ġordan, fil-Libanu u f'partijiet oħra tar-reġjun. Huma talbu wkoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mat-Turkija dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni.

1.2. Ir-rispons tal-UE għall-kriżi u l-istabbiliment tal-Faċilità

Fl-2015, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ddeċidew li jżidu l-involviment politiku u finanzjarju tagħhom biex jappoġġaw lit-Turkija fl-isforzi tagħha biex tospita lir-refuġjati. Bi tweġiba għas-sejħa mill-Istati Membri tal-UE għal finanzjament addizzjonali sinifikanti sabiex jiġu appoġġati r-refuġjati fit-Turkija, il-Kummissjoni stabbiliet il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2015, emendata fl-10 ta' Frar 2016[13], u mill-ġdid fl-14 ta' Marzu u fl-24 ta' Lulju 2018. Il-Faċilità hija mekkaniżmu li jikkoordina l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi magħmula disponibbli kemm taħt il-baġit tal-UE kif ukoll taħt kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Istati Membri integrati fil-baġit tal-UE bħala dħul assenjat estern. L-Istati Membri huma politikament impenjati li jipprovdu kontribuzzjonijiet nazzjonali fil-qafas tal-Fehim Komuni bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea, li ġie adottat mir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri fit-3 ta' Frar 2016, u aġġornat fl-okkażjoni tal-ftehim dwar it-tieni segment tal-Faċilità.[14] Il-Fehim Komuni stabbilixxa wkoll qafas ta' kundizzjonalità. Għall-ewwel segment tal-Faċilità (2016-2017) b'kollox ġew allokati EUR 3 biljun. L-ammont ta'

[9] http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/03/18-eu-turkey-statement/
[10] https://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/10101/2021/EN/JOIN-2021-8-F2-EN-MAIN-PART-1.PDF
[11] https://www.consilium.europa.eu/media/47296/1011-12-20-euco-conclusions-en.pdf
[12] https://www.consilium.europa.eu/media/48976/250321-vtc-euco-statement-en.pdf
[13] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 60/03 tal-10 ta' Frar 2016 dwar il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9500 tal-24 ta' Novembru 2015.
[14] https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-11329-2018-INIT/en/pdf

EUR 3 biljun tqiegħed għad-dispożizzjoni flimkien mat-EUR 345 miljun[15] li diġà kienu ġew allokati mill-Kummissjoni lit-Turkija b'rispons għall-kriżi tar-refuġjati Sirjani qabel it-tnedija tal-Faċilità u kien addizzjonali għall-għajnuna bilaterali tal-Istati Membri[16]. Ammont addizzjonali ta' EUR 3 biljun tqiegħed għad-dispożizzjoni għat-tieni segment tal-Faċilità (2018-2019) u tella' t-total tal-Faċilità għal EUR 6 biljun. Il-Faċilità saret operazzjonali fis-17 ta' Frar 2016 bl-ewwel laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Faċilità. Wara din il-laqgħa, il-Kummissjoni ħadmet b'pass mgħaġġel biex tikkuntratta l-ewwel proġetti fl-ambitu tal-Faċilità. Mill-31 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni kkuntrattat il-pakkett operazzjonali sħiħ tal-Faċilità; Minn total ta' EUR 6 biljun, ġew żborżati kważi EUR 4,1 biljun. Barra minn hekk, fl-2020 ġew allokati EUR 585 miljun[17] biex jappoġġaw azzjonijiet umanitarji fit-Turkija barra mill-Faċilità, inklużi EUR 100 miljun biex ikomplu l-assistenza fl-oqsma tal-protezzjoni, is-saħħa u l-edukazzjoni, u EUR 485 miljun taħt Baġit Emendatorju biex jitkomplew ix-Xibka ta' Sikurezza Soċjali ta' Emerġenza (ESSN) u t-Trasferiment Kondizzjonali ta' Flus għall-Edukazzjoni (CCTE).

Fit-18 ta' Marzu 2016, il-Kapijiet tal-Istat u l-Gvern tal-Unjoni Ewropea u tat-Turkija reġgħu kkonfermaw l-impenn tagħhom lejn l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt tagħhom u qablu fuq aktar miżuri mmirati lejn l-approfondiment tar-relazzjonijiet bejn it-Turkija u l-Unjoni Ewropea u l-indirizzar tal-kriżi tal-migrazzjoni[18]. It-Turkija u l-Unjoni Ewropea għarfu li kien hemm bżonn li jsiru aktar sforzi veloċi u determinati. B'mod aktar speċifiku, id-Dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016 (minn hawn 'il quddiem "id-Dikjarazzjoni"), talbet fost l-oħrajn sabiex tintemm il-migrazzjoni irregolari mit-Turkija lejn l-UE billi jitkisser il-mudell tan-negozju tat-traffikanti u billi l-migranti jiġu offruti alternattiva minflok jipperikolaw ħajjithom u biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-Faċilità.

L-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni kompliet taqdi rwol importanti matul l-2020 sabiex jiġi żgurat li l-isfidi tal-migrazzjoni jiġu indirizzati b'mod effettiv u b'mod konġunt mill-UE u mit-Turkija. Wara l-avvenimenti fil-fruntiera bejn il-Greċja u t-Turkija fi Frar 2020, fid-9 ta' Marzu, il-President tal-Kunsill Ewropew, Charles Michel, u l-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, iltaqgħu mal-President tat-Turkija, Recep Tayyip Erdogan. Huma qablu li jirrevedu l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija tal-2016 li l-Faċilità hija komponent ewlieni tagħha. Id-diskussjonijiet komplew sas-sajf taħt l-awspiċji tar-Rappreżentant Għoli tal-UE u tal-Viċi President tal-Kummissjoni, Josep Borrell u l-Ministru Tork għall-Affarijiet Barranin, Cavusoglu.

Fl-2020, l-għadd totali ta' wasliet mit-Turkija fl-UE kien ta' 18 736, meta mqabbel ma' 75 974 fl-2019 (tnaqqis ta' 75%). Ġew irreġistrati 13 979 wasla fil-Greċja meta mqabbla mat-

[15] Finanzjament mobilizzat fis-snin 2013-2015 taħt l-istrumenti differenti ta' finanzjament estern, jiġifieri l-Istrument għall-Għajnuna Umanitarja (HUMA), l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) u l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP), inkluż għadd ta' azzjonijiet implimentati mill-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi Sirjana (EUTF).

[16] Sa mill-bidu tal-kriżi, l-UE mmobilizzat l-għodod politiċi u umanitarji kollha għad-dispożizzjoni tagħha b'appoġġ għall-poplu Sirjan, b'EUR 24,9 biljun ta' assistenza umanitarja, ta' stabbilizzazzjoni u ta' reżiljenza mmobilizzati kollettivament mill-bidu tal-kriżi fl-2011 https://eeas.europa.eu/headquarters/headquarters-homepage/93313/node/93313_en.

[17] L-ammont totali jirrifletti kemm il-kostijiet operazzjonali, jiġifieri EUR 581,7 miljun kif ukoll il-kostijiet amministrattivi, jiġifieri EUR 3,3 miljun.

[18] http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/03/18-eu-turkey-statement/

73 627 fl-2019 (tnaqqis ta' 81 %); 4 191 fl-Italja meta mqabbla ma' 1 854 fl-2019 (żieda ta' 126 %); 232 fil-Bulgarija u 334 bid-dgħajsa direttament lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern ta' Ċipru, meta mqabbla mal-199 u l-294 rispettivament fl-2019. Fl-istess ħin, l-awtoritajiet Ċiprijotti rreġistraw wasliet dejjem akbar mit-Turkija permezz tal-qsim tal-Linja l-Ħadra. B'mod ġenerali, 5 900 migrant irregolari waslu f'Ċipru jew direttament mit-Turkija jew permezz taż-żoni li mhumiex taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru fl-2020. Din iċ-ċifra kienet ta' 7 800 fl-2019.

It-Turkija kompliet tiffaċċja pressjoni migratorja, għalkemm konsiderevolment aktar baxxa milli fl-2019. It-tnaqqis sostanzjali fil-wasliet mit-Turkija fl-2020 kien dovut għall-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19. Filwaqt li l-wasliet mit-Turkija lejn il-Greċja f'Jannar u fi Frar 2020 kienu 49 % u 22 % ogħla meta mqabbla mal-2019, il-miżuri li ttieħdu minn Marzu kemm ġewwa t-Turkija kif ukoll fuq il-fruntieri esterni tagħha kellhom impatt ċar fuq il-movimenti u l-ivvjaġġar.

Għalkemm it-Turkija tenniet l-impenn tagħha għall-implimentazzjoni effettiva tad-Dikjarazzjoni, fit-28 ta' Frar 2020, il-gvern Tork ħabbar li kien se jieqaf jikkontrolla l-fruntieri tal-art u tal-baħar tiegħu mal-Ewropa u kien se jiftaħ il-passaġġ għall-migranti li jixtiequ jaqsmu. Dan wassal għall-istabbiliment ta' kamp informali tul il-fruntiera tal-art mal-Greċja, li spiċċa jospita kważi 25 000 migrant u refuġjat. Mit-30 ta' Marzu, l-awtoritajiet Torok organizzaw trasport għall-migranti u r-refuġjati barra miż-żona tal-fruntiera u għalqu l-fruntiera mal-Greċja u mal-Bulgarija ħlief għat-traffiku kummerċjali minħabba l-COVID-19. L-awtoritajiet Torok indikaw li huma aġixxew fi ħdan il-qafas tal-prekawzjonijiet tas-saħħa pubblika fis-seħħ, u li din il-mossa ma kinitx tfisser bidla fil-politika tat-Turkija li tippermetti l-ħruġ ta' migranti irregolari mill-fruntieri tagħha. Il-migranti jkunu liberi li javviċinaw il-fruntiera Griega ladarba jitneħħew il-prekawzjonijiet tal-COVID-19, peress li l-gvern Tork ma kellu l-ebda intenzjoni li jwaqqaf lil kwalunkwe persuna li tixtieq tagħmel dan milli titlaq mit-Turkija.

L-implimentazzjoni tal-iskema ta' risistemazzjoni "Wieħed għal kull Wieħed" fl-ambitu tad-Dikjarazzjoni kompliet. Bejn April 2016 u Frar 2021, 28 621 refuġjat Sirjan ġew risistemati mit-Turkija lejn l-UE. Għalkemm l-operazzjonijiet ta' risistemazzjoni madwar id-dinja ġew sospiżi temporanjament bejn April u Ġunju 2020 minħabba l-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19, fl-2020 2 422 persuna ġew risistemati (madwar nofshom wara t-tkomplija tal-operazzjonijiet, jiġifieri bejn Lulju u Diċembru).

Mill-2016, skont id-Dikjarazzjoni, 2 140 migrant ġew irritornati mill-gżejjer Griegi lejn it-Turkija, filwaqt li 139 migrant biss ġew irritornati fl-2020. Fis-16 ta' Marzu 2020, l-awtoritajiet Torok issospendew l-operazzjonijiet ta' ritorn fl-ambitu tad-Dikjarazzjoni minħabba l-pandemija tal-COVID-19 sa avviż ulterjuri. Għalkemm ir-risistemazzjonijiet mit-Turkija reġgħu bdew minn Lulju 2020, ir-ritorni mill-Greċja għadhom sospiżi sal-lum. Bi tweġiba għal talbiet ripetuti mill-awtoritajiet Griegi u mill-Kummissjoni Ewropea rigward it-tkomplija tal-operazzjonijiet ta' ritorn, it-Turkija saħqet li l-kundizzjonijiet għat-tkomplija tal-operazzjonijiet ma ġewx issodisfati.

L-Iskema Volontarja ta' Ammissjonijiet Umanitarji li hija mistennija li tiġi attivata ladarba l-qsim irregolari bejn it-Turkija u l-UE jintemm jew tal-anqas ikun tnaqqas b'mod sostanzjali u sostenibbli, għadha ma ġietx attivata mill-Istati Membri.

COVID-19

Il-pandemija tal-COVID-19 għad għandha impatt sinifikanti fit-Turkija. Fit-tifqigħa tal-kriżi fit-Turkija f'Marzu 2020, il-Kummissjoni kkuntattjat lill-awtoritajiet Torok biex tinvestiga jekk kienx meħtieġ xi appoġġ speċifiku għar-rispons tagħhom. Huma kkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jkomplu bil-proġetti fl-ambitu tal-Faċilità u l-assistenza bilaterali regolari tal-IPA kif ġie pprogrammat oriġinarjament. F'konsultazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet Torok, il-Kummissjoni qablet mal-mobilizzazzjoni tal-iffrankar tal-Faċilità għall-finijiet relatati mal-COVID-19 fil-forma ta' żidiet fil-proġetti eżistenti minflok proġetti ġodda. Il-Kummissjoni kkuntattjat ukoll lis-sħab ta' implimentazzjoni tal-Faċilità għall-valutazzjoni tagħhom tal-effetti tal-COVID-19 għall-proġetti tal-Faċilità. Wara din il-konsultazzjoni, il-perjodu ta' implimentazzjoni għall-proġetti taħt il-Miżura Speċjali ta' EUR 1,6 biljun tal-2016 ġie estiż għal Ġunju 2023, li għandu jippermetti lill-proġetti kollha kkonċernati jilħqu l-objettivi ddikjarati tagħhom.

Sal-aħħar tal-2020, madwar EUR 65 miljun kienu ġew ridiretti lejn interventi tal-kura tas-saħħa u miżuri ta' appoġġ soċjoekonomiku biex jittaffa l-impatt tal-COVID-19 fl-ambitu tal-Faċilità għar-Refuġjati (mill-interventi totali tal-COVID-19 taħt l-istrumenti finanzjarji tal-UE, li jammontaw għal EUR 105 miljun). L-azzjonijiet kienu jinkludu l-attivazzjoni ta' riżerva ta' kontinġenza ta' EUR 4,7 miljun tal-proġett SIHHAT I biex iċ-Ċentri tas-Saħħa tal-Migranti jiġu mgħammra b'tagħmir u b'diżinfettanti protettivi. Barra minn hekk, taħt il-komponent umanitarju tal-Faċilità, aktar minn EUR 50 miljun ġew riallokati biex jipprovdu rispons umanitarju wara l-COVID-19 f'firxa ta' proġetti. B'mod partikolari, kemm l-ESSN kif ukoll is-CCTE pprovdew appoġġ bi flus kontanti supplimentari għall-benefiċjarji tagħhom. Skont l-ESSN, ġew ipprovduti żewġ żidiet ta' 500 Lira Torka (TL) kull wieħed fix-xahar ta' Ġunju u Lulju 2020 għal aktar minn 1,7 miljun refuġjat individwali (810 000 unità domestika), għal total ta' aktar minn EUR 47 miljun. Fl-ambitu tal-proġett edukattiv tas-CCTE, ġiet ipprovduta żieda ta' 85 TL lill-benefiċjarji eliġibbli kollha tas-CCTE irrispettivament mill-età u mill-grad bħala ħlas ta' darba fit-30 ta' Novembru 2020. B'kollox, 535 000 tifel u tifla bbenefikaw minn din iż-żieda addizzjonali. Barra minn hekk, assistenza fi flus kontanti lil 20 000 unità domestika benefiċjarja mhux tal-ESSN ġiet ipprovduta wkoll permezz ta' operazzjoni mal-pajjiż kollu implimentata mill-UNHCR flimkien mad-Direttorat Ġenerali għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni (DGMM), b'kontribuzzjoni ta' EUR 8 miljun minn

2. Il-funzjonament tal-Faċilità

Il-Faċilità hija mekkaniżmu ta' koordinazzjoni li jippermetti l-mobilizzazzjoni rapida, effettiva u effiċjenti ta' għajnuna tal-UE lir-refuġjati fit-Turkija. Il-Faċilità tiżgura l-aħjar mobilizzazzjoni ta' strumenti ta' finanzjament eżistenti fl-UE, bħala assistenza umanitarja

u/jew bħala assistenza għall-iżvilupp, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tar-refuġjati u tal-komunitajiet ospitanti b'mod komprensiv u kkoordinat[19].

Il-Kumitat ta' Tmexxija tal-Faċilità jipprovdi gwida strateġika dwar il-prijoritajiet, it-tip ta' azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati, l-ammonti li għandhom jiġu allokati u l-istrumenti ta' finanzjament li għandhom jiġu mmobilizzati - u, fejn ikun xieraq, dwar il-kundizzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-impenji tat-Turkija skont il-Pjan ta' Azzjoni Konġunt UE-Turkija tad-29 ta' Novembru 2015[20] (minn hawn 'il quddiem il-"Pjan ta' Azzjoni Konġunt"). Fl-2020, il-ħames sena ta' implimentazzjoni tal-Faċilità, saret laqgħa waħda tal-Kumitat ta' Tmexxija, fil-5 ta' Novembru 2020. Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, din il-laqgħa saret b'mod virtwali.

Il-prinċipji ewlenin li jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-Faċilità huma l-ħeffa, l-effiċjenza u l-effettività, filwaqt li jiġi żgurat li ssir ġestjoni finanzjarja soda. Is-sostenibbiltà tal-interventi tal-Faċilità u s-sjieda konġunta mill-awtoritajiet Torok huma importanti wkoll. L-identifikazzjoni tal-oqsma prijoritarji għall-għajnuna kienet ibbażata fuq valutazzjoni komprensiva u indipendenti tal-ħtiġijiet [21], b'attenzjoni partikolari mogħtija lill-gruppi vulnerabbli. Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ġiet aġġornata fl-2018[22].

Il-Faċilità tikkoordina l-finanzjament mill-istrumenti ta' finanzjament esterni li ġejjin[23] l-għajnuna umanitarja[24], l-Istrument Ewropew ta' Viċinat[25], l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp[26], l-Istrument għall-Assistenza ta' qabel l-Adeżjoni (IPA)[27] u l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi[28]. Il-miżuri ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni huma implimentati f'konformità mar-regoli u mar-regolamenti finanzjarji tagħha applikabbli kemm għall-ġestjoni diretta kif ukoll għall-ġestjoni indiretta.

L-implimentazzjoni tal-assistenza tiddependi fuq konformità stretta tat-Turkija mal-impenji tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt u tad-Dikjarazzjoni.

[19] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9500 tal-24 ta' Novembru 2015, l-Artikolu 2 – L-Għanijiet tal-Faċilità.
[20] Ara l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9500, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016)855.
[21] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/2016_needs_assessment_.pdf
[22] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/updated_needs_assessment.pdf
[23] Il-kontribuzzjonijiet tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u tal-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) ġew ittrasferiti rispettivament lejn l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Fond Fiduċjarju tal-UE u implimentati taħthom. Fil-prinċipju, il-kontribuzzjonijiet kollha tal-Faċilità għall-EUTF (mill-IPA u sa ċertu punt anqas mid-DCI) ġew implimentati bħala assistenza mhux umanitarja.
[24] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 rigward l-għajnuna umanitarja, ĠU L163, 2.7.1996, p. 1.
[25] Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat, ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27.ı
[26] Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44.
[27] Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11.
[28] Ir-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi, ĠU L 77, 15.3.2014, p. 1.

3. Il-kapaċità finanzjarja, it-tul ta' żmien u n-natura tal-finanzjament

Il-baġit totali kkoordinat mill-Faċilità huwa ta' EUR 6 biljun, u huwa mmobilizzat f'żewġ segmenti. Proġetti taħt l-ewwel segment jitwettqu sa mhux aktar tard minn nofs l-2021 u taħt it-tieni segment sa mhux aktar tard minn nofs l-2025 (il-biċċa l-kbira tal-proġetti se titlesta qabel). Sa tmiem l-2020, il-fondi operazzjonali kollha ġew impenjati u kkuntrattati taħt iż-żewġ segmenti.

B'mod eċċezzjonali, minħabba l-kriżi tal-COVID-19, il-perjodu ta' implimentazzjoni għall-proġetti taħt il-Miżura Speċjali ta' EUR 1,6 biljun tal-2016 ġie estiż sa Ġunju 2023, li jippermetti li l-proġetti kollha kkonċernati jilħqu l-objettivi ddikjarati tagħhom.

L-ewwel segment ammonta għal EUR 3 biljun, li EUR 1 biljun minnhom ġie mmobilizzat mill-baġit tal-UE u EUR 2 biljun f'kontribuzzjonijiet bilaterali mill-Istati Membri[29]. Bl-istess mod, it-tieni segment ammonta għal EUR 3 biljun, li minnhom il-baġit tal-UE pprovda EUR 2 biljun u l-Istati Membri EUR 1 biljun[30].

F'dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi tal-baġit tal-UE, mill-EUR 1 biljun mill-baġit tal-UE għall-2016-2017, EUR 250 miljun ġew immobilizzati fl-2016 u EUR 750 miljun fl-2017. Miż-EUR 2 biljun mill-baġit tal-UE għall-2018-2019, EUR 550 miljun ġew immobilizzati fl-2018, bil-bilanċ immobilizzat fl-2019.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri, għall-ewwel segment, l-Istati Membri kkontribwew EUR 677 miljun għall-Faċilità fl-2016, EUR 847 miljun fl-2017, EUR 396 miljun fl-2018 u EUR 80 miljun fl-2019. Għat-tieni segment, l-Istati Membri kkontribwew EUR 68 miljun fl-2018, EUR 202 miljun fl-2019 u EUR 265 miljun fl-2020, bil-pagamenti li jifdal ippjanati sal-2023. Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri jsiru direttament lill-Baġit tal-UE fil-forma ta' dħul assenjat estern skont l-Artikolu 21(2)(a)(ii) tar-Regolament Finanzjarju u jiġu assenjati lil-linji baġitarji tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u tal-Għajnuna Umanitarja.

Ikompli jkun hemm qbil sodisfaċenti bejn ir-rata tal-ħlas mill-Istati Membri tal-kontribuzzjonijiet tagħhom *lill*-Faċilità u r-rata tal-iżburżar iffinanzjat minn dawk il-kontribuzzjonijiet *mill*-Faċilità.

Taħt il-fergħa umanitarja tal-Faċilità, l-ammont ta' EUR 19,50 miljun ġie allokat bħala kapaċità ta' riżerva għall-finanzjament possibbli tar-reazzjonijiet għall-influss ta' refuġjati ġodda mis-Sirja fl-2019. Peress li r-riżerva ma ntużatx fl-2019, dan l-ammont ġie kkuntrattat fl-2020 biex ikopri l-azzjonijiet tas-saħħa u l-protezzjoni, u b'hekk tlesta l-eżerċizzju ta' programmazzjoni għat-tieni segment.

[29] It-tqassim totali tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri jinsab fuq http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/02/03/refugee-facility-for-turkey/.

[30] https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2018/06/29/facility-for-refugees-in-turkey-member-states-agree-details-of-additional-funding/

Il-Kummissjoni kompliet l-assistenza umanitarja anki lil hinn mill-finanzjament allokat taħt il-Faċilità. B'kollox sal-lum, ġew allokati EUR 585 miljun[31] biex jappoġġaw azzjonijiet umanitarji fit-Turkija barra mill-Faċilità. Dan jinkludi EUR 50 miljun inizjali f'assistenza umanitarja allokati f'April 2020 mill-Kummissjoni mill-baġit umanitarju annwali biex tkompli l-assistenza fl-oqsma tal-protezzjoni, is-saħħa u l-edukazzjoni f'emerġenzi, u EUR 50 miljun addizzjonali allokati f'Novembru 2020 għat-tkomplija tal-proġetti msemmija hawn fuq. Barra minn hekk, f'Lulju 2020, l-awtorità baġitarja approvat u allokat EUR 485 miljun oħra taħt Baġit Emendatorju biex tkompli żewġ proġetti ewlenin tal-Faċilità jiġifieri x-Xibka ta' Sikurezza Soċjali ta' Emerġenza (ESSN) u t-Trasferiment Kondizzjonali ta' Flus għall-Edukazzjoni (CCTE).


Mill-31 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni kkuntrattat il-pakkett operazzjonali sħiħ tal-Faċilità; Minn total ta' EUR 6 biljun, ġew żborżati aktar minn EUR 4 biljun.

[31] L-ammont totali jirrifletti kemm il-kostijiet operazzjonali, jiġifieri EUR 581,7 miljun kif ukoll il-kostijiet amministrattivi, jiġifieri EUR 3,3 miljun.

4. Implimentazzjoni tal-Faċilità

Il-Faċilità hija implimentata bħala assistenza umanitarja u għall-iżvilupp. Taħt l-ewwel segment, ġew allokati madwar EUR 1,4 biljun u EUR 1,6 biljun għall-fergħat rispettivi. Minħabba n-natura fit-tul tal-kriżi tas-Sirja, l-interventi taħt it-tieni segment jiffokaw dejjem aktar fuq l-attivitajiet ta' appoġġ soċjoekonomiku u l-ħolqien ta' opportunitajiet tal-għajxien. Taħt it-tieni segment, ġew allokati EUR 1,04 biljun għall-assistenza umanitarja, u EUR 1,9 biljun għall-assistenza għall-iżvilupp.[32]

Għall-Faċilità b'mod kumplessiv, id-diżaggregazzjoni tal-assistenza umanitarja u għall-iżvilupp hija kif ġej:



Id-dettalji sħaħ jistgħu jinkisbu mit-tabella tal-proġetti online[33].

L-ipprogrammar tal-Faċilità tlesta f'Diċembru 2019, u fl-aħħar tal-2020, il-pakkett operazzjonali sħiħ ta' EUR 6 biljun kien ġie kkuntrattat, li minnhom EUR 4,072 biljun kienu ġew żborżati.

Ta' min jinnota li l-assistenza pprovduta fil-qafas tal-Faċilità hija bbażata fuq il-proġetti. L-iżborżi jiddependu ħafna mill-progress fl-implimentazzjoni tal-interventi tal-Faċilità.

Tingħata attenzjoni partikolari lir-refuġjati mhux Sirjani u lill-persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil. L-interventi tal-faċilità dejjem għandhom l-għan li jinvolvu lill-komunitajiet lokali li qed jospitaw lir-refuġjati.

L-assistenza umanitarja tappoġġa lill-aktar refuġjati vulnerabbli permezz tal-provvista ta' appoġġ prevedibbli u dinjituż li jindirizza l-ħtiġijiet bażiċi u l-protezzjoni. Hija tindirizza wkoll id-diskrepanzi fl-għoti ta' servizz permezz ta' aġenziji speċjalizzati u ta' sħab fis-setturi tas-saħħa u l-edukazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. L-għajnuna umanitarja tal-UE hija ggwidata mill-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja tal-2007[34], li jistipula li l-UE, bħala attur umanitarju, taderixxi mal-prinċipji umanitarji tal-umanità, tan-newtralità, tal-

[32] Il-bilanċ ta' EUR 60 miljun huwa allokat għall-appoġġ amministrattiv u operazzjonali biex tiġi implimentata l-Faċilità

[33] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/facility_table.pdf

[34] Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri.

imparzjalità u tal-indipendenza, kif stabbiliti fl-Artikolu 214 tat-TFUE u fir-Regolament dwar l-Għajnuna Umanitarja (Nru. 1257/96)[35,36].

Taħt il-fergħa umanitarja tal-Faċilità, b'kollox ġew implimentati 65 proġett permezz ta' 21 sieħeb kemm taħt l-ewwel kif ukoll taħt it-tieni segment. Dawn il-proġetti għandhom l-għan li jkopru r-rispons għall-ħtiġijiet bażiċi, il-protezzjoni, l-edukazzjoni, u s-saħħa għar-refuġjati l-aktar vulnerabbli fit-Turkija. Taħt l-ewwel segment ġew allokati u kkuntrattati madwar EUR 1,4 biljun f'assistenza umanitarja u ġew żborżati EUR 1,3 biljun, filwaqt li għat-tieni segment ġew ikkuntrattati EUR 1,04 biljun u sal-31 ta' Jannar 2021 ġew żborżati EUR 964 miljun.

L-assistenza għall-iżvilupp tappoġġa l-ħtiġijiet aktar fit-tul fl-oqsma tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-iżvilupp soċjoekonomiku tar-refuġjati, b'mod partikolari f'termini ta' aċċess għas-servizzi pubbliċi u għall-opportunitajiet ta' għajxien, u tal-infrastruttura muniċipali. Din tiffoka wkoll fuq gruppi vulnerabbli u tinkludi dimensjoni tal-ġeneri fl-interventi tagħha, eż. il-protezzjoni tan-nisa u tal-bniet kontra l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru u fuq it-titjib tal-aċċess għall-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva.

Taħt il-fergħa tal-iżvilupp tal-Faċilità, l-implimentazzjoni ta' 26 proġett ikkuntrattati taħt l-ewwel segment qed tkompli turi progress tajjeb. Minn dawn il-proġetti, 15 huma implimentati taħt il-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi Sirjana (EUTF) għal total ta' EUR 293 miljun, minbarra l-allokazzjoni ġestita direttament permezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni[37].

L-iżborżi lis-sħab ta' implimentazzjoni laħqu l-EUR 1,75 biljun minn total ta' EUR 3,5 biljun allokati għall-assistenza għall-iżvilupp taħt iż-żewġ segmenti tal-Faċilità[38]. Taħt it-tieni segment, l-EUR 1,9 biljun allokati ġew ikkuntrattati bis-sħiħ f'Diċembru 2020, li minnhom EUR 418-il miljun ġew żborżati sal-aħħar ta' Frar. Taħt il-fergħa tal-iżvilupp tal-Faċilità kien hemm 16-il kuntratt ġdid.

Interventi tal-faċilità għal kull qasam prijoritarju

Il-progress għal kull qasam prijoritarju fil-programmazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' assistenza ffinanzjata taħt iż-żewġ segmenti tal-Faċilità huwa kif ġej:

L-Edukazzjoni

Il-Faċilità allokat aktar minn EUR 1,5 biljun għall-qasam prijoritarju tal-edukazzjoni, inklużi

[35] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja.

[36] L-għajnuna umanitarja tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Umanitarji (HIPs) annwali speċifiċi għall-pajjiżi. Il-qafas għall-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u s-sħab tagħha fil-qasam tal-għajnuna umanitarja huwa stabbilit bil-Ftehimiet Qafas Finanzjarji u Amministrattivi tal-Kummissjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u bil-Ftehimiet Qafas ta' Sħubija ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi.

[37] Il-fondi tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni taħt il-Faċilità huma ġestiti f'konformità mar-regoli għall-azzjoni esterna stipulati fit-Titolu IV tat-tieni parti tar-Regolament Finanzjarju u fir-Regoli ta' Applikazzjoni tiegħu.

[38] Din iċ-ċifra tinkludi wkoll l-iżborżi taħt proġetti implimentati mill-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi Sirjana, iżda li għadhom ma ġewx iddebitati lill-baġit tal-UE.

EUR 545 miljun[39] għall-infrastruttura edukattiva.

Taħt il-fergħa umanitarja tal-Faċilità, ġew allokati aktar minn EUR 181 miljun għall-edukazzjoni. It-Trasferiment Kondizzjonali ta' Flus għall-Edukazzjoni (CCTE) għadu qed jiġi implimentat b'suċċess, u jappoġġa r-reġistrazzjoni fl-iskejjel u l-attendenza ta' tfal refuġjati permezz tal-provvista ta' pagamenti kull xahar lill-familji refuġjati, bil-kundizzjoni li l-istudenti jattendu l-iskola b'mod regolari. L-appoġġ għall-faċilità għas-CCTE intemm f'Ottubru 2020. Madankollu, il-programm CCTE jista' jkompli sal-bidu tal-2022 wara ż-żieda ta' EUR 85 miljun ipprovduta taħt il-Baġit Emendatorju miftiehem mill-awtorità baġitarja tal-UE f'Lulju 2020. Minn Diċembru 2020, kważi 670 000 tifel u tifla bbenefikaw mill-inqas darba mill-programm CCTE, u 90 % tat-tfal refuġjati kollha rreġistrati fl-edukazzjoni jibbenefikaw mis-CCTE. Il-finanzjament umanitarju appoġġa wkoll l-edukazzjoni mhux formali (Il-Programmi ta' Tagħlim Aċċellerat) u r-reġistrazzjoni fl-iskejjel ta' tfal li ma jmorrux skola taħt l-ewwel u t-tieni segmenti tal-Faċilità.

Fir-rigward tal-assistenza għall-iżvilupp tal-Faċilità, għotja diretta ta' segwitu (magħrufa bħala PIKTES[40]) lill-Ministeru tal-Edukazzjoni Nazzjonali (MoNE) ta' EUR 400 miljun bdiet l-implimentazzjoni lejn tmiem it-tieni kwart tal-2019 b'appoġġ għall-isforzi mill-Ministeru biex iżid l-integrazzjoni u l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità għolja għat-tfal Sirjani. Sal-aħħar ta' Ġunju 2020, 686 581 tifel u tifla Sirjani ġew irreġistrati fl-edukazzjoni għas-sena skolastika 2019-2020 fl-ambitu tal-PIKTES. Sar progress sostanzjali fl-implimentazzjoni tal-Edukazzjoni Bikrija tat-Tfal (ECE), b'total ta' 115 133 tifel u tifla appoġġati, b'numru bejn wieħed u ieħor ugwali ta' refuġjati Sirjani u tfal komunitarji ospitanti. L-għadd ta' tfal u żgħażagħ Sirjani li lestew il-klassijiet ta' riżerva (ta' rimedju) u ta' ripetizzjoni żdied minn 80 243 għal 90 233. F'termini ta' appoġġ għall-kapaċità tat-tagħlim tas-sistema edukattiva, total ta' 3 954 membru tal-persunal edukattiv ġew appoġġati permezz ta' salarji jew inċentivi finanzjarji oħra u 177 019-il membru tal-persunal tal-edukazzjoni kienu rċevew taħriġ biex ikunu jistgħu jirrispondu għall-ħtiġijiet partikolari tat-tfal refuġjati. Matul it-tieni kwart tal-2020, it-taħriġ tal-għalliema kien qed jiffoka fuq it-tagħlim mill-bogħod, filwaqt li pprovda appoġġ psikosoċjali lit-tfal Sirjani u tejjeb il-komunikazzjoni mat-tfal u l-familji matul il-perjodu tal-pandemija. F'Ġunju 2020, 3 886 għalliem tal-PIKTES irċevew taħriġ online fis-servizz li jiffoka fuq l-edukazzjoni mill-bogħod b'appoġġ għall-benesseri tat-tfal matul il-pandemija u dwar kif għandhom iwettqu klassijiet live tal-EBA[41].

Il-programm ta' Tagħlim Aċċellerat (ALP), implimentat b'mod konġunt mill-UNICEF u l-MoNE taħt finanzjament umanitarju, wera progress tajjeb, filwaqt li 19 881 student irreġistraw sa Jannar 2020. L-għoti ta' borża ta' studju biex wieħed jattendi l-appoġġ għall-edukazzjoni għolja għamel ukoll progress. Sa Ġunju 2020, ġew ipprovduti lir-refuġjati sa 1 332 borża ta' studju biex jattendu istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, li minnhom, 19 kienu għal tfal refuġjati b'diżabilità. Il-Faċilità kompliet tappoġġa l-iżvilupp tal-infrastruttura edukattiva u tnaqqas l-iffullar fl-iskejjel. Aktar minn 3 900 faċilità edukattiva (inklużi ċ-ċentri tal-ECE) ġew imtejba sa Ġunju 2020. Il-maġġoranza tat-titjib kien jikkonsisti fil-

[39] Dan jinkludi proġett ta' enerġija nadifa ta' EUR 40 miljun taħt l-EUTF (FRIT 1).
[40] Il-promozzjoni tal-Integrazzjoni tat-Tfal Sirjani fis-Sistema Edukattiva (PIKTES)
[41] Network Edukattiv tal-Informatika

forniment ta' rinnovazzjoni u/jew tagħmir għal 2 120 skola preprimarja. L-għadd ta' skejjel ġodda mibnija żdied minn 40 għal 102 sal-aħħar ta' Diċembru 2020. Il-kostruzzjoni ta' madwar 260 skola għadha għaddejja. Barra minn hekk, proġett ta' enerġija nadifa ta' EUR 40 miljun taħt l-ewwel segment iwassal l-enerġija permezz ta' żewġ farms solari u ta' pannelli fuq il-bjut lil 120 skola. Tlestiet l-installazzjoni fuq il-bjut għal tliet skejjel. L-impatt negattiv tal-miżuri relatati mal-COVID-19 fuq is-settur tal-kostruzzjoni kien jeħtieġ estensjoni tal-perjodu ta' implimentazzjoni sa nofs l-2023.

Il-Protezzjoni

Total ta' madwar EUR 211-il miljun ġie allokat għall-protezzjoni fl-ambitu tal-Faċilità, prinċipalment permezz ta' proġetti taħt il-fergħa umanitarja.

Il-fergħa umanitarja tal-Faċilità appoġġat ir-reġistrazzjoni u l-verifika tar-refuġjati sabiex jiġi regolarizzat l-istatus tagħhom fit-Turkija u sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għas-servizzi. Minbarra l-interventi ta' protezzjoni indipendenti mmirati biex jeliminaw id-diskrepanzi u jirrispondu għal ħtiġijiet speċifiċi u ta' individwi f'riskju, il-protezzjoni ġiet integrata wkoll fil-pilastri l-oħrajn tal-istrateġija ta' rispons umanitarju (ħtiġijiet bażiċi, saħħa u edukazzjoni). L-għan ġenerali huwa li jiġu indirizzati aħjar il-vulnerabbiltajiet tar-refuġjati, li jiġi regolarizzat l-istatus tagħhom u li dawn jingħaqdu ma' network usa' ta' servizzi pubbliċi u tan-NU/NGOs. Barra minn hekk, il-proġetti ffinanzjati permezz tal-Fond Fiduċjarju tal-UE b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana kienu jinkludu assistenza għall-akkoljenza ta' refuġjati f'ċentri komunitarji u aktar referenzi għal refuġjati vulnerabbli għal servizzi adegwati.

Skont il-Miżura Speċjali ta' Lulju 2019, fl-aħħar tal-2020 ġiet ikkuntrattata għotja diretta lill-Ministeru tal-Familja, tax-Xogħol u tas-Servizzi Soċjali għal ammont ta' EUR 20 miljun. Il-proġett għandu l-għan li jtejjeb il-forniment ta' servizzi soċjali preventivi u protettivi lir-refuġjati l-aktar vulnerabbli u lill-membri tal-komunità ospitanti. Dan jibni fuq l-appoġġ umanitarju pprovdut taħt il-Faċilità sal-lum, filwaqt li jgħaqqad il-kooperazzjoni umanitarja u tal-iżvilupp kif stabbilit mill-orjentazzjonijiet strateġiċi tal-Faċilità taħt it-tieni segment.

L-għotja diretta tinsab fil-fażi tal-bidu. L-għażla tat-tim tal-assistenza teknika, l-istabbiliment tal-uffiċċju tal-proġett u l-irfinar tal-pakkett ta' dokumentazzjoni tal-proġett għadhom għaddejjin. Id-Delegazzjoni tal-UE u l-persunal tal-uffiċċju fuq il-post tal-ECHO bdew jorganizzaw laqgħat regolari sabiex titnaqqas it-tranżizzjoni mill-ewwel segment għat-tieni segment tal-Faċilità.

Is-Saħħa

Taħt il-Faċilità ġew allokati EUR 800 miljun għall-qasam prijoritarju tas-saħħa.

Il-pilastru ewlieni tal-appoġġ tal-Faċilità huwa l-proġett SIHHAT 1, għotja diretta ta' EUR 300 miljun mal-Ministeru Tork tas-Saħħa (MoH), li tappoġġa lill-Ministeru fl-isforzi tiegħu biex jipprovdi aċċess liberu u ekwu għall-kura tas-saħħa lil 3,6 miljun refuġjat. L-għadd ta' Ċentri tas-Saħħa tal-Migranti (MHCs) funzjonali laħaq 177 u 3 420 membru tal-persunal tal-kura tas-saħħa ta' oriġini Sirjana bħalissa huma inklużi fil-lista ta' impjegati tal-proġett. Il-pass tal-implimentazzjoni tal-proġett jibqa' wieħed sodisfaċenti b'riżultati tanġibbli miksuba fil-prattika. Ir-riżerva ta' kontinġenza ta' EUR 4,7 miljun biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet

relatati mal-COVID-19 ġiet rilaxxata f'April 2020. Sal-31 ta' Jannar 2021 kienet meħtieġa estensjoni ta' xahrejn mingħajr kost biex jiġu implimentati bis-sħiħ xi attivitajiet importanti. B'mod parallel, proġett tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) li qabel ġie ffinanzjat taħt il-fergħa umanitarja, tkompla taħt l-EUTF u jinkludi appoġġ għaċ-ċentri ta' taħriġ fis-saħħa għall-migranti, għat-taħriġ għall-persunal mediku Sirjan u għaċ-ċertifikazzjoni tat-tobba u tal-infermiera Sirjani sabiex jaħdmu fiċ-Ċentri tas-Saħħa tal-Migranti.

Il-proġett ta' segwitu SIHHAT 2 (EUR 210 miljun) - "Appoġġ għas-Servizzi tas-Saħħa tal-Migranti fit-Turkija" - ġie ffirmat mal-MoH f'Diċembru 2020 biex tiġi żgurata s-sinkronizzazzjoni mat-tmiem ta' SIHHAT 1 u t-tkomplija tas-servizzi tal-kura tas-saħħa tar-refuġjati sal-aħħar tal-2023. F'Diċembru 2020 ġie ffirmat kuntratt ta' EUR 90 miljun għall-akkwist ta' infrastruttura u tagħmir komplementari tas-saħħa fuq skala żgħira mal-Bank għall-Iżvilupp (CEB) tal-Kunsill tal-Ewropa. It-tul ta' żmien tal-kuntratti għall-kostruzzjoni ta' żewġ sptarijiet iffinanzjati mill-Faċilità (total ta' EUR 90 miljun, ma' Agence Française de Développement - AFD - u s-CEB) fil-provinċji ta' Kilis u Hatay iffinanzjati taħt l-ewwel segment qed jiġi estiż biex jirrifletti l-ħin ta' implimentazzjoni mitluf minħabba l-COVID-19.

Is-sħab umanitarji għadhom joperaw għadd limitat ta' servizzi statiċi u mobbli biex jirrispondu għal ħtiġijiet urġenti u mhux issodisfati tal-kura tas-saħħa, speċjalment fil-qasam tal-fiżjoterapija u r-riabilitazzjoni fiżika. Xi servizzi tas-saħħa speċjalizzati bħall-appoġġ għas-saħħa mentali u dak psikosoċjali (MHPSS) ġew integrati f'SIHHAT 1 minn Diċembru 2020, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-attivitajiet tas-saħħa sesswali u riproduttiva (SRH) u tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru (SGBV) kienu diġà ġew integrati f'SIHHAT 1 f'Ottubru 2019, f'konformità mal-istrateġija ta' tranżizzjoni tal-Faċilità.

Għad hemm tħassib fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi tas-saħħa tar-refuġjati barra l-provinċja oriġinali tar-reġistrazzjoni tagħhom jew dawk li jispostaw ruħhom, li huwa limitat għas-servizzi ta' tilqim u ta' emerġenza. Dan jaffettwa b'mod negattiv lir-refuġjati li jispostaw ruħhom, lill-ħaddiema staġunali u lir-refuġjati li ġew risistemati fi provinċji oħra. Il-Kummissjoni ssegwi mill-qrib it-tibdliet fil-politika u għandha l-għan li tilħaq il-popolazzjoni tar-refuġjati affettwata permezz ta' attivitajiet tal-kura tas-saħħa mobbli taħt il-proġetti ta' SIHHAT.

Infrastruttura muniċipali

EUR 380 miljun ġew allokati għal dan il-qasam prijoritarju taħt it-tieni segment tal-Faċilità.

Wara Sejħa għal espressjoni ta' interess li tnediet f'Diċembru 2018, għadd ta' proġetti ntgħażlu b'mod proviżorju għal finanzjament taħt it-tieni segment. In-negozjati mal-AFD għall-ewwel kuntratt ġew konklużi b'suċċess f'Diċembru 2019 u f'Diċembru 2020 ġie ffirmat addendum. It-tieni kuntratt mal-Bank Dinji ġie ffirmat f'Settembru 2020. Dawn il-proġetti jinkludu azzjonijiet sabiex itejbu l-aċċess għas-servizzi muniċipali, u l-kwalità ta' dawn, fl-oqsma tal-provvista tal-ilma, tal-ilma mormi u tal-immaniġġjar tal-iskart solidu fiż-żoni l-aktar affettwati mill-influss ta' refuġjati. Barra minn hekk, f'Lulju 2020 ġew konklużi negozjati ma' Kreditanstalt für Wiederaufbau (KfW) u ġie ffirmat kuntratt ta' EUR 25 miljun għall-infrastruttura rikreattiva b'appoġġ għall-koeżjoni soċjali. Il-kostruzzjoni ta' faċilità waħda għat-trattament tal-iskart bijoloġiku mekkaniku f'Gaziantep tkompli taħt proġett

EUTF li ġie implimentat mill-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNPD).

Ħtiġijiet bażiċi u appoġġ soċjoekonomiku

Aktar minn EUR 2,83 biljun ġew allokati għall-ħtiġijiet bażiċi u għall-appoġġ soċjoekonomiku taħt il-Faċilità.

L-interventi f'dan il-qasam prijoritarju għandhom l-għan li jiżguraw li l-ħtiġijiet bażiċi tal-aktar refuġjati vulnerabbli jiġu ssodisfati, u li r-reżiljenza u l-awtodipendenza tar-refuġjati jissaħħu. Dan għandu jippermetti tranżizzjoni gradwali mid-dipendenza fuq l-assistenza soċjali għal aktar opportunitajiet ta' awtodipendenza u ta' għajxien.

Skont l-assistenza għall-ħtiġijiet bażiċi tal-Faċilità, aktar minn 2,6 miljun refuġjat irċevew appoġġ li jippermettilhom jgħixu b'dinjità. Il-biċċa l-kbira tal-appoġġ huwa pprovdut permezz tax-Xibka ta' Sikurezza Soċjali ta' Emerġenza (ESSN), programm ta' assistenza soċjali umanitarja li jwassal flus kontanti ta' kull xahar, mhux ristretti u b'diversi skopijiet permezz ta' sistema ta' karti ta' debitu, issa b'aktar minn 1,8 miljun benefiċjarju vulnerabbli tar-refuġjati. Skont il-ftehim reċenti mal-Federazzjoni Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar/tan-Nofs Qamar l-Aħmar għal ESSN 3, fl-aħħar tal-2019 ġew allokati EUR 500 miljun f'finanzjament tal-Faċilità għal dan il-programm ewlieni. L-appoġġ għall-ħtiġijiet bażiċi attwali għar-refuġjati fit-Turkija skont l-ESSN 3 huwa skedat li jintemm f'Marzu 2021. B'żieda ta' EUR 400 miljun barra mill-Faċilità approvata mill-awtorità baġitarja f'Lulju 2020 bħala parti mill-Baġit Emendatorju msemmi qabel, it-tkomplija tal-appoġġ tal-ESSN hija żgurata sa mill-inqas tmiem l-2021.[42]

F'konformità mal-istrateġija ta' tranżizzjoni tal-Faċilità u minħabba n-natura fit-tul tal-kriżi tas-Sirja, l-interventi tal-Faċilità taħt il-fergħa tal-iżvilupp iffukaw dejjem aktar fuq attivitajiet ta' appoġġ soċjoekonomiku u l-ħolqien ta' opportunitajiet ta' għajxien. Sabiex tkompli tappoġġa l-ħtiġijiet bażiċi tal-aktar persuni vulnerabbli, f'Diċembru 2020, il-Kummissjoni ffirmat kuntratt għal għotja diretta ta' EUR 245 miljun mal-Ministeru tal-Familja, tax-Xogħol u tas-Servizzi Soċjali biex ikun jista' jingħata appoġġ finanzjarju fix-xahar komparabbli mal-assistenza soċjali pprovduta lil individwi vulnerabbli skont is-sistema Torka tas-sigurtà soċjali. Wara fażi preparatorja, il-pagamenti lill-benefiċjarji għandhom jibdew f'Lulju 2021. Il-proġett għandu jitmexxa b'mod parallel mal-ESSN u jipprovdi appoġġ lill-unitajiet domestiċi b'ġenituri waħedhom, lill-anzjani, u lill-individwi b'diżabilità u dawk b'diżabilità serja. L-għażla tat-tim tal-ġestjoni tal-proġetti kważi tlestiet, u l-istabbiliment tal-uffiċċju tal-proġett u l-irfinar tal-pakkett ta' dokumentazzjoni tal-proġett għadhom għaddejjin. Id-Delegazzjoni tal-UE u l-persunal tal-uffiċċju fuq il-post tal-ECHO bdew laqgħat regolari sabiex jikkoordinaw l-implimentazzjoni parallela tal-ESSN u l-għotja diretta.

Għadu jingħata appoġġ soċjoekonomiku addizzjonali lir-refuġjati bi profil li jippermettilhom jaċċessaw is-suq tax-xogħol. Dan l-appoġġ għandu l-għan li jżid l-impjegabbiltà tar-refuġjati u jipprevedi taħriġ vokazzjonali u ta' ħiliet, taħriġ fil-lingwa, konsulenza dwar l-impjiegi,

[42] https://www.europarl.europa.eu/news/mt/press-room/20200706IPR82727/meps-approve-EU585-million-to-support-syrian-refugees-in-neighbouring-countries

programmi ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol u s-simplifikazzjoni tal-proċess tal-permessi tax-xogħol biex jiġu appoġġati kemm ir-refuġjati Sirjani kif ukoll il-komunitajiet ospitanti. Qed jiġu pprovduti għotjiet żgħar għall-imprendituri u għat-taħriġ intraprenditorjali lin-negozji ġodda kemm tar-refuġjati Sirjani kif ukoll tal-komunitajiet ospitanti u lill-imprendituri eżistenti f'kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Industrija Żgħira u ta' Daqs Medju tat-Turkija (KOSGEB). Proġett ieħor implimentat attwalment mill-Bank Dinji jappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' mudell ta' intraprenditorija soċjali mmexxi min-nisa sabiex jipprovdi attività sostenibbli li tiġġenera l-introjtu kemm għal refuġjati Sirjani vulnerabbli kif ukoll għal nisa Torok. Il-proġetti għandhom jibqgħu għaddejjin sa mhux aktar tard minn nofs l-2025.

Wara s-Sejħa għal espressjonijiet ta' interess tal-2018 għas-sħab ta' implimentazzjoni, f'Diċembru 2019 ġew iffirmati żewġ kuntratti ma' Expertise France u maċ-Ċentru Internazzjonali għall-Iżvilupp tal-Politika dwar il-Migrazzjoni (ICMPD). Dawn il-kuntratti għandhom l-għan li jipprovdu appoġġ lin-negozji ġodda u lin-negozji mikro u żgħar fil-forma ta' għotjiet mikro u ta' taħriġ u mentoraġġ intraprenditorjali, u taħriġ u apprendistati vokazzjonali. F'Settembru 2020, il-Kummissjoni ffirmat erba' kuntratti addizzjonali mal-Bank Dinji għal attivitajiet li għandhom l-għan li jżidu l-impjegabbiltà u l-iżvilupp tal-ħiliet tar-refuġjati u tal-komunitajiet ospitanti, itejbu s-servizzi pprovduti fir-rigward tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u t-tqabbil tal-provvista u d-domanda tas-suq, u joħolqu ambjent favorevoli għat-tkabbir, ir-reġistrazzjoni u l-espansjoni tan-negozju kif ukoll jappoġġaw il-ħolqien tal-impjiegi fis-settur agrikolu. L-attivitajiet jimmiraw kemm lejn ir-refuġjati kif ukoll lejn il-komunitajiet ospitanti fi sforz sabiex tingħata spinta lill-koeżjoni soċjali u jiġu miġġielda l-istereotipi li jwasslu għal tensjoni soċjali. L-iffirmar tal-erba' kuntratti seħħ wara l-konklużjoni f'waqtha ta' Ftehim Qafas ġdid bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Dinji li jirregola l-operazzjonijiet kollha ffinanzjati mill-UE. Barra minn hekk, l-iffirmar ta' żewġ kuntratti addizzjonali ma' KfW seħħ f'Novembru u f'Diċembru 2020 rispettivament, u fl-2020 ġiet innegozjata wkoll żieda żgħira għall-proġett ICMPD iffinanzjat b'iffrankar mis-Sejħa.

Il-ġestjoni tal-migrazzjoni

Il-Faċilità ffinanzjat żewġ proġetti f'dan il-qasam prijoritarju taħt l-ewwel segment għal total ta' EUR 80 miljun.

L-ewwel proġett ta appoġġ mill-UE għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-Gwardja tal-Kosta Torka sabiex twettaq operazzjonijiet ta' tfittxija u ta' salvataġġ. It-tieni proġett kellu l-għan li jappoġġa lid-Direttorat Ġenerali għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni (DGMM) fil-ġestjoni tiegħu tar-ritorni mill-UE. Iż-żewġ proġetti tlestew, bit-tieni proġett jasal fi tmiemu f'Diċembru 2019.

Aspetti relatati mal-ġeneru fi ħdan il-proġetti taħt il-Faċilità

Il-Kummissjoni hija impenjata li timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru II (GAP) "It-Trasformazzjoni tal-Ħajjiet tal-Bniet u tan-Nisa permezz tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE 2016-2020" u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III "Together towards a gender equal world 2021-2025" dwar it-tisħiħ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-

pożizzjoni tan-nisa fl-azzjoni esterna tal-UE. F'dan il-kuntest, il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem għan-nisa u għall-bniet, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet huma prijoritajiet u objettivi globali tal-UE, li jiggwidaw l-interventi tal-Faċilità.

B'mod aktar speċifiku, il-fergħa umanitarja tal-Faċilità hija regolata mill-politika tal-ECHO tal-2013 dwar il-ġeneri "L-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Għajnuna Umanitarja: ħtiġijiet differenti, rispons adattat". Dan jimplika appelli lis-sħab sabiex iwettqu analiżi skont il-ġeneru fil-bidu ta' programm, sabiex jadattaw id-disinn u l-implimentazzjoni tal-programm skont ir-riskji u l-opportunitajiet differenzjali li jaffaċċjaw il-gruppi ta' ġeneri, u jirrapportaw dwar riżultati b'*data* diżaggregata skont il-ġeneru.

B'riżultat ta' dan, il-kwistjonijiet relatati mal-ġeneri jiġu kkunsidrati għall-proġetti kollha tal-Faċilità u jiġu integrati. L-interventi tal-Faċilità huma mfassla sabiex jippromovu l-provvista ta' opportunitajiet indaqs għall-irġiel u għan-nisa, għas-subien u għall-bniet. Għal finijiet ta' monitoraġġ, tinġabar *data* diżaggregata skont il-ġeneri. L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri hija kkombinata ma' azzjonijiet iddedikati li ġew żviluppati sabiex jiġi żgurat il-progress f'dan il-qasam. Il-Faċilità taħdem ma' sħab ta' implimentazzjoni li għandhom esperjenza soda f'dan l-approċċ u li għandhom il-kapaċità li jidħlu fi djalogu mal-awtoritajiet Torok. Dawn jinkludu l-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal (UNICEF), il-UN Women, u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO).

5. Monitoraġġ u evalwazzjoni

Is-sistema ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-Faċilità tfasslet sabiex tiġi implimentata gradwalment u sabiex tiġi mtejba kontinwament.

Il-Qafas tar-Riżultati

Il-qafas tar-Riżultati tal-Faċilità jirrifletti l-qafas strateġiku tal-Faċilità nnifisha, kif ukoll l-azzjonijiet konkreti implimentati taħt il-kappa tal-Faċilità u l-oqfsa loġiċi tagħhom. L-ewwel verżjoni tal-Qafas tar-Riżultati ġiet żviluppata bejn Awwissu 2016 u Marzu 2017 f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati ewlenin, inklużi l-Kumitat ta' Tmexxija tal-Faċilità, l-awtoritajiet Torok rilevanti u s-Servizzi tal-Kummissjoni rilevanti. L-ewwel abbozz ġie kondiviż mal-Kumitat ta' Tmexxija f'Marzu 2017 u verżjoni riveduta f'Novembru 2018.

F'April 2019, is-Segretarjat tal-Faċilità nieda l-proċess ta' reviżjoni tal-Qafas tar-Riżultati tal-Faċilità biex jaġġornah u jallinjah mal-istrateġija riveduta tal-Faċilità u mal-oqsma prijoritarji ffinanzjati taħt it-tieni segment. L-għan kien li jiġu vverifikati l-konsistenza u l-varjazzjoni tal-indikaturi tar-Riżultati taħt iż-żewġ segmenti u biex ikun jista' jsir ir-rapportar tal-prestazzjoni u tar-riżultati, kemm fil-livell tal-output kif ukoll fil-livell tal-eżitu għall-Faċilità kollha kemm hi. L-abbozz finali tal-Qafas tar-Riżultati rivedut, żviluppat f'konsultazzjoni mas-sħab ta' implimentazzjoni, inklużi l-awtoritajiet Torok rilevanti, ġie kondiviż mal-Kumitat ta' Tmexxija. Ir-rapportar fl-ambitu tal-Qafas tar-Riżultati rivedut beda f'Lulju 2020.

Il-monitoraġġ u r-rapportar fil-livell tal-faċilità

Il-monitoraġġ fil-livell tal-faċilità tnieda fir-rebbiegħa tal-2017. Id-*data* ta' monitoraġġ tiġi ġġenerata fil-livell tal-outputs mis-sħab ta' implimentazzjoni, skont l-obbligu tagħhom taħt kull kuntratt. L-ewwel talba għal *data* ta' monitoraġġ inħarġet f'Mejju 2017, segwita minn tliet ċikli ta' rapportar fl-2017. Iċ-ċikli ta' rapportar komplew fl-2018, fl-2019 u fl-2020. Abbażi ta' dan, ir-Rapporti ta' Monitoraġġ tal-Faċilità ġew rilaxxati darbtejn fis-sena, bl-aħħar rapport ta' monitoraġġ li jkopri l-perjodu sa Ġunju 2020.[43] Ir-rapportar fl-ambitu tal-Qafas tar-Riżultati rivedut beda mill-1 ta' Lulju 2020 u żewġ ċikli ta' monitoraġġ u rapportar tnedew fl-2020. Ir-rapport biannwali li jmiss għandu jiġi ppreżentat fil-Kumitat ta' Tmexxija ta' Ġunju 2021.

L-Għajnuna Teknika għall-monitoraġġ

Il-Kummissjoni adottat l-ewwel Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Miżura ta' Appoġġ dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, l-awditu u l-komunikazzjoni tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija f'Mejju 2017. Dan ippermetta l-akkwist ta' assistenza teknika b'appoġġ għall-monitoraġġ tal-Faċilità, kemm fil-livell tal-azzjonijiet/tal-kuntratti kif ukoll f'dak tal-Faċilità. Il-kuntratt ta' assistenza teknika għall-monitoraġġ ġie ffirmat f'Jannar 2018 u qed jiġi implimentat. L-assenjament għandu żewġ partijiet distinti. L-ewwel waħda tikkonsisti f'appoġġ għall-monitoraġġ u għar-rapportar fil-livell tal-Faċilità. Din tinkludi rieżami perjodiku tal-Qafas tar-Riżultati, ir-rieżami ta' valuri bażi u ta' valuri fil-mira u l-metodi għall-kalkolu tal-indikaturi u linji gwida relatati. It-tim tal-assistenza teknika huwa wkoll inkarigat li jappoġġa lis-Segretarjat tal-Faċilità fit-twettiq tal-analiżi tal-ewwel livell tad-*data* ta' monitoraġġ miġbura kull tliet xhur u fit-tħejjija tar-Rapporti Biannwali ta' Monitoraġġ tal-Faċilità. It-tieni parti tal-assenjament tikkonsisti fl-għoti ta' appoġġ lid-Delegazzjoni tal-UE sabiex tissorvelja azzjonijiet/kuntratti ffinanzjati mill-Faċilità taħt il-fergħa tal-iżvilupp, inkluża l-verifika tad-*data* permezz ta' missjonijiet ta' monitoraġġ regolari jew ad hoc. Minħabba d-daqs ta' xi interventi tal-Faċilità u l-firxa ġeografika tal-attivitajiet, id-Delegazzjoni teħtieġ appoġġ għal verifiki fuq il-post.

Sal-aħħar ta' Diċembru 2020, tlestew 161 missjoni ta' monitoraġġ: saru sitt missjonijiet ta' monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati (MOR) mill-esperti tal-MOR, 51 missjoni mit-tim tal-assistenza teknika (SUMAF), u 104 missjonijiet ta' verifiki fuq il-post/missjonijiet ta' monitoraġġ mill-maniġers tal-programmi tal-EUD rilevanti. 68 % ta' dawn il-missjonijiet ta' monitoraġġ kollha kienu mmirati lejn il-kuntratti taħt ġestjoni diretta tal-fondi tal-IPA u tal-EUTF.[44]

F'Novembru 2019, il-Kummissjoni adottat it-tieni Miżura ta' Appoġġ sabiex tikkomplementa, tkompli u tibni fuq ir-riżultati miksuba taħt l-ewwel Miżura ta' Appoġġ. Il-pilastru umanitarju tal-Faċilità huwa mmonitorjat f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti. Il-monitoraġġ tal-azzjonijiet kollha ffinanzjati taħt il-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Umanitarji (HIPs) twettaq mill-persunal fuq il-post tad-DĠ ECHO fit-Turkija u mill-uffiċċju reġjonali tad-DĠ ECHO f'Amman kif ukoll permezz ta' żjarat ta' monitoraġġ mill-persunal

[43] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/default/files/201022_fmr.pdf
[44] Ċifri kumulattivi, mill-2017.

tal-Kwartieri Ġenerali. Meta mqabbel mal-2019, l-għadd ta' missjonijiet ta' monitoraġġ tnaqqas, minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID-19. Sa tmiem Frar 2021, tlestew 52 missjoni ta' monitoraġġ fil-livell tal-proġetti. Madankollu, minn dawn it-52 missjoni ta' monitoraġġ, 30 twettqu mill-bogħod permezz ta' pjattaformi online, filwaqt li 22 twettqu permezz ta' żjarat fuq il-post personalment.

L-Evalwazzjoni

L-evalwazzjoni tal-interventi tal-Faċilità qed issir fi tliet livelli differenti; evalwazzjonijiet fil-livell tal-azzjonijiet, evalwazzjonijiet tat-tip tal-portafoll tal-Faċilità u evalwazzjonijiet oħra relatati mal-Faċilità. Tlestew jew għadhom għaddejjin ħames evalwazzjonijiet fil-livell tal-azzjonijiet u tal-portafolli tal-Faċilità u sitt evalwazzjonijiet relatati mal-Faċilità. F'Diċembru 2018, il-Kummissjoni nediet l-evalwazzjoni strateġika ta' nofs it-terminu tal-Faċilità, li bdiet f'Marzu 2019. L-evalwazzjoni għandha tivvalutata l-kontribuzzjoni tal-Faċilità għall-oqsma prijoritarji tal-edukazzjoni, tas-saħħa, tal-appoġġ soċjoekonomiku u tal-ġestjoni tal-migrazzjoni matul il-perjodu 2016-2019/20. Din għandha tipprovdi lis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, lill-Kumitat ta' Tmexxija tal-Faċilità, lil partijiet ikkonċernati oħra interessati u lill-pubbliku ġenerali b'valutazzjoni globali indipendenti tal-prestazzjoni tal-Faċilità, b'attenzjoni partikolari għar-riżultati intermedji tagħha mkejla meta mqabbla mal-objettivi tagħha. L-evalwazzjoni għandha wkoll l-għan li tiġbor it-tagħlimiet meħuda u li tipprovdi rakkomandazzjonijiet azzjonabbli sabiex jittejbu l-azzjonijiet attwali u futuri possibbli. Ir-rapport ta' evalwazzjoni finali għandu jiġi ppreżentat fil-Kumitat ta' Tmexxija ta' Ġunju 2021.

6. L-Awditu

Wara l-ħruġ tar-Rapport Speċjali dwar il-Faċilità tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA)[45] maħruġ f'Novembru 2018, il-Kummissjoni qed tkompli timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tagħha. Sar progress tajjeb fir-rakkomandazzjonijiet kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp ta' strateġija ta' tranżizzjoni, il-komplementarjetà tal-istrumenti mmobilizzati taħt il-Faċilità u t-tnaqqis tal-kostijiet tal-appoġġ indirett.

7. Il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà

Mill-bidu nett tal-Faċilità, il-viżibbiltà u l-komunikazzjoni ngħataw prijorità ewlenija. Il-Faċilità hija ċentrali biex jasal il-messaġġ tal-appoġġ qawwi u kontinwu tal-UE lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti fit-Turkija. L-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-2017 tibqa' l-qafas ġenerali għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni, bil-għan li tittejjeb il-viżibbiltà ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-Faċilità.

Avvenimenti u ċerimonji

Fl-2020 u minħabba l-COVID-19, il-biċċa l-kbira tal-avvenimenti u taċ-ċeremonji fiżiċi ġew ittrasferiti għal mezzi online u webinars. Dawn kienu jinkludu festivals, ċerimonji ta' gradwazzjoni, avvenimenti ta' ftuħ ta' proġetti, seminars, konferenzi, li ġew ittrasferiti għal

[45] https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR18_27/SR_TRF_MT.pdf

mezzi online u kkonvertiti f'webinars, li kollha saru virtwalment. Fl-2020 saru diversi żjarat ta' livell għoli f'Gaziantep, Kilis u Kayseri. Ftuħ ta' proġett li sar mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) f'Izmir f'Ottubru laqqa' flimkien bdiewa mar-rappreżentanti tal-UE. Is-sena ntemmet b'ċerimonja tal-iffirmar tat-tmien kuntratti finali fl-ambitu tal-Faċilità, li kienet tinkludi diversi sħab ta' implimentazzjoni kif ukoll l-Uffiċċju tal-Viċi President Tork.[46] Is-sħab umanitarji tal-UE implimentaw diversi attivitajiet ta' komunikazzjoni diġitali madwar l-Ewropa, li informaw liċ-ċittadini Ewropej dwar l-appoġġ tal-UE lir-refuġjati fit-Turkija.

F'Marzu 2020, il-Programm Dinji tal-Ikel nieda wirja fil-Parlament Ewropew bit-titolu Kuluri tat-Tama. Għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-COVID-19, il-wirja kienet disponibbli biss għal dawk b'aċċess għall-Parlament Ewropew, iżda x-xogħol tal-arti ġie promoss ukoll fuq il-midja soċjali. F'Diċembru 2020, il-Federazzjoni Internazzjonali tas-Soċjetajiet tas-Salib l-Aħmar u n-nofs Qamar l-Aħmar (IFRC) u d-DĠ ECHO nedew kampanja ta' komunikazzjoni diġitali "Power To Be" (Is-setgħa li wieħed għandu Jkollu)[47] fuq l-ESSN. Sa Jannar 2021, il-kampanja kienet laħqet lil aktar minn 16-il miljun persuna fl-Awstrija, fi Franza, fir-Rumanija, fi Spanja u fit-Turkija. Il-kampanja għandha tkompli fl-ewwel kwart tal-2021. Kampanja diġitali mmexxija mill-UNICEF, "I choose education" (Nagħżel l-edukazzjoni), ippromoviet is-CCTE f'sitt pajjiżi tal-UE u laħqet total ta' aktar minn 24 miljun persuna.

Preżenza tal-midja

L-assistenza umanitarja tal-Faċilità dehret f'aktar minn 80 rapport internazzjonali importanti stampat u awdjo/viżiv fl-2020. Il-Kummissarju għall-Għajnuna Umanitarja u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet żar lit-Turkija f'Marzu 2020 flimkien mar-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, Josep Borrell. Il-Kummissarju Lenarčič żar proġetti ta' għajnuna umanitarja f'Gaziantep u Kilis. Ħin għall-istampa f'Gaziantep irriżulta f'rapporti f'ħames gazzetti u aġenziji tal-istampa nazzjonali kif ukoll f'madwar 80 strument diġitali.

L-użu ta' materjal awdjoviżiv sabiex jintwerew l-attivitajiet tal-Faċilità kien parti importanti mill-istrateġija ġenerali ta' komunikazzjoni. Madankollu, il-COVID-19 kellha impatt serju fuq il-pjanijiet ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni u tas-sħab ta' implimentazzjoni, li kienu jeħtieġu adattament. Is-sħab ta' implimentazzjoni ġew imħeġġa jipproduċu filmati dwar il-kisbiet li ntlaħqu bil-proġetti tagħhom permezz ta' stejjer ta' interess uman. Bejn Jannar 2020 u Frar 2021, ġew prodotti aktar minn 40 vidjo dwar attivitajiet implimentati fl-ambitu tal-Faċilità. It-timijiet tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni tad-Delegazzjoni tal-UE u tad-DĠ ECHO tal-Uffiċċju tat-Turkija jippromovu regolarment il-proġetti tal-Faċilità. Dawn il-proġetti rċevew kopertura mifruxa minn xandara internazzjonali ewlenin inklużi TRT World, Fox TV, Anadolu Agency, u oħrajn.

[46] https://www.avrupa.info.tr/en/pr/eu-completes-contracting-under-eur-6-billion-package-support-refugees-and-host-communities
[47] https://powertobe.ifrc.org/

8. Il-konklużjoni u l-passi li jmiss

Fl-2020 sar progress importanti fil-mobilizzazzjoni tal-Faċilità. Il-pakkett operazzjonali sħiħ tal-Faċilità ġie kkuntrattat u ġew żborżati aktar minn EUR 4 biljun. Il-Faċilità kompliet tipprovdi għajnuna tant meħtieġa lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti fit-Turkija.

Il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2020 ikkonferma li l-UE tkun lesta tkompli tipprovdi assistenza finanzjarja lir-refuġjati Sirjani u lill-komunitajiet ospitanti fit-Turkija, u l-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2021 stieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għat-tkomplija tal-finanzjament għar-refuġjati Sirjani fit-Turkija, kif ukoll fil-Ġordan, fil-Libanu u f'partijiet oħra tar-reġjun.

Il-passi li jmiss jinkludu:

- *It-tkomplija tal-implimentazzjoni effettiva tal-proġetti kollha għall-benefiċċju tar-refuġjati u tal-komunitajiet ospitanti, f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda*
- *L-iffinalizzar tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, u s-segwitu u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħha*
- *It-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni relatati mal-Faċilità.*
- *L-organizzazzjoni tal-Kumitati ta' Tmexxija tal-Faċilità fir-rebbiegħa u fil-ħarifa tal-2021*
- *Il-kunsiderazzjoni ta' għażliet għal aktar appoġġ għar-refuġjati u għall-komunitajiet ospitanti fit-Turkija*